MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Numru. 160/2009

**Il-Pulizija**
**[Supretendent Stephen J Gatt]**

**vs**

**Omissis**
**Joseph Attard**

Kumpilazzjoni Numru: 160/2009

**Illum, 22 ta’ Novembru, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Attard, ta’ 42 sena, iben Alfred u Theresa Bugelli, imwieled Pieta’, fil-25 ta’ Jannar, 1964 u residenti fil-fond numru 25, Inzul ix-

Xemx, Triq Dorell, Gudja, u detentur tal-karta tal-identita 76764M; u

Omissis

Akkuzati talli fil-21 ta' Novembru, 2006 ghall-habta tal-4:00am, gewwa l-Imsida, b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi li jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

a) Volontarjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg li jappartjenu lir-residenti ta' Oxford Court li jinsab l-Imsida, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma izjed minn hamsin liri Maltin u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, b' nuqqas ta hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ghamlu xi hsara jew gharrqu hwejjeg li jappartjenu lir-residenti ta' Oxford Court li jinsab l-Imsida u dan bi ksur ta'l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamlu lil Ronald Axisa ingurji jew theddid jew jekk kienu ipprovokati, ingurjaw b' mod li hareg mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artiklu 399(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b' mod iehor u dan bi ksur tal-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qporti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

a) 325(b);
b) 328(d);
c) 339(1)(e) u 338(m);
d) 382A, 383, 384, 386 u 412C;
e) 17, 23, 31 u 533.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jigi rilevat li skond ic-citazzjoni originali l-imputazzjonijiet kienu jikkoncernaw incident li sehh nhar il-21 ta’ Novembru 2006 ghall-habta ta’l-4.00am f’l-Imsida. Waqt l-udjenza mizmuma fid-29 ta’ Mejju 2007 (waqt is-seduta “tad-distrett”) intalbet korrezzjoni f’l-ewwel imputazzjoni b’referenza ghall-valur tal-hsara allegatament ikkawzata fil-fond imsemmi. Din il-korrezzjoni giet milqugha pero, peress li bhala rizultat l-imputazzjonijiet esorbitaw l-kompetenza originali ta’ din il-Qorti, l-atti gew mibghuta lir-Registratur biex jigu assenjati lill-Qorti Kompetenti. Fit-22 ta’ Ottubru 2007 l-ufficjal qara u kkonferma c-citazzjoni kif korretta quddiem din il-Qorti bhala Qorti Struttorja u l-Qorti kompliet bil-gbir tal-provi.

Illi l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni dwar dan l-incident hi li, minhabba disgwid bejn l-imputat, certu Tonio Zampa, u l-parte civile Ronald Axisa, l-imputat u Zampa marru ghand Axisa ghall habta ta’l-4.00am fil-21 ta’ Jannar 2006 u fost ghajjat u ingurji fil-konfront ta’ Axisa ghamlu hsara fil-partijiet komuni tal-blokka ta’ appartementi fejn joghod Axisa. Ghandu jigi rilevat li originarjament imputati f’din il-kawza kienu kemm Tonio Zampa kif ukoll Joseph Attard pero in forza ta’ degriet tas-7 ta’ Awissu 2008 il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju b’mod li l-proceduri tkomplew separatament fil-konfront taz-zewg imputati.

Illi mill-provi prodotti fil-proceduri odjerni m’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li fil-gurnata imsemmija fic-citazzjoni sehh incident meta zewg persuni marru fil-blokk ta’ appartamenti in kwistjoni u fost hafna ghajjat u storbju ikkawzaw hsarat fil-partijiet komuni ta’ dan il-blokk b’mod partikolari fil-bieb ta’ barra, il-bieb tal-lift kif ukoll fil-bieb tal-kompartiment fejn hemm l-meters tad-dawl u ilma. Din

il-hsara tidher mir-ritratti li hadu l-pulizija li marru fuq il-post wara l-incident.

Illi mir-residenti li kien hemm jghixu f'din il-blokk ta' appartament hadd, hlif ghal Ronald Axisa u martu, m'gharaf il-persuni li dak in-nhar marru f' Oxford Court. Huma (ir-residenti l-ohra) ikkonfermaw li semghu storbju u, hin minnhom hargu jittawwalu, ikkonfermaw ukoll li raw minn persuna u minn tnejn, pero hadd minnhom ma kien kapaci jidentifikahom. Il-Qorti wara li kellha l-opportunita li tara u tisma lil dawn il-persuni jaghtu d-depozizzjoni taghhom hija tal-fehma li dawn ix-xhieda aktar milli m'gharfu lil hadd ma xtaqux jiddahhlu fil-kwistjoni.

Illi Ivanka Axisa da parti taghha tghid li mill-gallerija hija rat zewg persuni; wiehed gharfitu bhala Joseph Attard (li kienet ilha tafu peress li fi zmien kien bi shab ma' zewgha fin-negozju) u, fil-waqt li lill-iehor ma gharfitux, pero semghetu jghajjat lil zewgha u jghid "*Ronnie jiena Zampa*". Ronald Axisa min-naha l-ohra jghid li huwa kien rieqed u stenbah minhabba ghajjat u storbju u fil-waqt li fost l-ghajjat gharaf lehen Tonio Zampa, hareg fil-gallerija u ra lil Zampa ma' Joseph Attard jiehdu rankatura ghall-bieb tal-flats; huma bdew jisfidawh biex jinzel isfel. Axisa fil-fatt dahal mill-gallerija u ftit wara niezel pero sa kemm niezel iz-zewg persuni koncernati kienu lahqu telqu. Kemm Ivanka Axisa kif ukoll Ronnie Axisa qalu li diskors semghu biss da parti ta' Tonio Zampa u li Attard ma semghuhx jghid xejn.

Illi hadd ma ra x'ghamlu dawn iz-zewg persuni f'l-entratura tal-blokk ta' appartamenti imsemmija, pero kull wiehed mir-residenti kkonferma li hekk ikkalmat is-sitwazzjoni u nizlu isfel raw hsara li qabel ma kenitx hemm. Fatt li specifika Ronne Axisa kien li meta hu hareg fil-gallerija ra kemm lil Zampa kif ukoll lil Attard jiehdu rankatura lejn il-bieb ta'l-appartamenti.

Illi mit-testijiet komparattivi li saru rrizulta li t-tracci ta' demm li nstabu fuq il-post ma kienux ta' l-imputat odjern; dan pero ma jfissirx necessarjament li hu ma kiex partecipi fil-hsara li saret.

Illi tenut kont ta’ dan u tal-provi l-ohra kollha in kluz dawk indizjarji l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat kien wiehed miz-zewg persuni li fil-gurnata in ezami marru fil-post ta’ residenza ta’ Ronald Axisa u kkawzaw il-hsara fuq imsemmija. M’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-hsara giet ikkawzat b’mod volontarju ghalhekk hija l-ewwel imputazzjoni li tirrizulta u mhux it-tieni, li hija migjuba bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. Ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta’ hsara kkawzata, mir-ricevuti esebieti jirrizulta li l-hsara kienet tammonta ghal Lm37.17 l-ekwvalenti ta’ €86.58.

Illi t-tielet imputazzjoni hija dik dwar ingurji u theddied fil-konfront ta’ Ronnie Axisa. Mill-provi ma jirrizultax li lil Joseph Attard xi hadd semghu jghid xi haga; anzi l-istess Axisa, u martu, qalu li t-theddied gie da parti ta’ Zampa u li Attard ma qal xejn. F’dawn ic-cirkostanzi ma jistghax jinghad li din it-tielet imputazzjoni giet pruvata.

Illi mill-provi prodotti, partikolarment dwar l-istorbju u l-kommozzjoni li qamet waqt li kienet qed issir il-hsara fil-partijiet komuni ta’ l-appartamenti liema storbju iddisturba r-residenti kollha f’dik il-blokka, m’ghandu jkun hemm dubbju r-raba imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvati ukoll.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi li wasslu ghall-incidenti bejn il-partijiet involuti kif ukoll il-fedina penali ta’l-imputat li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 325(1)(c) u 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-ewwel u r-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien disgha (9) xhur u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 24 ta’l-istess Kapitolu 446 tordna lil-imputat biex ihallas kumpens ta’ €43.29 lis-sidien

tal-blokk ta' appartamenti Oxford Court. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 ta'l-Ligijiet ta' Malta u sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Ronald Axisa u ghaz-zamma ta'l-ordni pubbliku qed torbot lill-imputat b'obligazzjoni tieghu nnifsu ghal perjodu ta' sena li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lil Ronald Axisa taht penali ta' elf Euro.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------